# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-24 ta' April 2025

**Rik. Gur. Nru.: 251/2023 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**MG**

**Vs**

**EG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MG, datat 25 ta' Ottubru 2023, *a fol 1* li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1049/2015 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhom ebda tfal.*

3. *Illi l-esponenti kienu ltaqghu meta l-esponent kien ta' eta zghira. Wara ftit taz-zmien bdew jghixu flimkin u ddecidew b'mod mhux mahsub li jizzewgu. B'hekk qabel ma zzewigha l-esponent ma kienx jafha hafna;*

4. *Illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata ma kellhom ebda intenzjoni li jizzewgu;*

5. *Illi r-rikorrent u l-intimata kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn di fatti l-kontendenti kienu eskludew li qatt ikollhom tfal minn dan iz-zwieg u eskludew ukoll li jkun hemm fedalta' fiz-zwieg taghhom u dan kif ser jirrizulta mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi r-rikorrenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewwga ma' xulxin;*

7. *Ill illum il-gurnata l-intimata abbandunat ghal kollox lill-esponenti;*

8. *Illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana inter alia ai termini tal-artikoli 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

9. *Illi fil-fatt dan iz-zwieg ma giex ccelebrat bir-rit kattoliku u dan biex ma jkunx hemm aktar kumplikazzjonijiet;*

10. *Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal- artikoli 19 (1) (d) Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

11. *Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta huwa null u bla effett fil-ligi.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta huwa null u bla effett ai termini, inter alia, ta' l-artiklu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta ta' MG u EG datata 19 ta' Frar fejn iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jressqu u talbu li l-kawza tkun ddifferita ghas-sentenza.

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi ddikjarat null *ab initio* minhabba li l-kunsens ghaz-zwieg inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u l-istess kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni.

Il-Qorti rat illi l-konvenuta ma wiegbetx ghall-atti minkejja li giet debitament notifikata nhar il-15 ta' Dicembru 2023. Minkejja dan l-intimata xorta attendiet ghas-seduti quddiem din il-Qorti assistita minn konsulent legali tal-fiducja taghha u anke ddeponiet.

L-attur, **MG,** ta l-verzjoni tieghu permezz ta' affidavit li hu pprezenta u kkonferma bil-gurament tieghu waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2024 (fol. 10). L-attur jghid illi kien beda jahdem mas-socjeta' li toffri servizzi telefonici fl-istess zmien li kienet bdiet ukoll l-intimata u

minkejja li l-intimata kienet kwazi ghaxar (10) snin akbar minnu, huma bdew iqattghu hafna hin flimkien. Mill-ewwel l-intimata kienet qaltlu bis-sitwazzjoni difficli li kellha d-dar tal-ġenituri taghha fejn kellha tohrog tahdem biex tkun tista' tiekol. Kienet tghidlu li kellha sikkatura estrema d-dar anke fejn tidhol igene u kienet torqod f'kamra flimkien ma' zitha armla. Il-kontednenti kienu bdew johorgu flimkien u l-konvenuta kienet bdiet tqatta' hafna hin id-dar tieghu minhabba li kien jogghobha ferm l-ambjent li kien ikun hemm id-dar tal-genituri tal-attur. Kienet torqod mieghu fl-istess sodda u ftit ftit garret l-affarijiet personali taghha ghal ghand l-attur.

Jghid illi dak iz-zmien kien ghadu zghir u kien jara l-hajja bhala avventura.

Jghid illi kienu sofrew azzjonijiet koroh mill-familja tal-intimata tant li dawn lanqas biss attendew  ghat-tieg taghhom. Billi l-konvenuta ma kellha lil hadd, iggranfat mal-attur u l-familja tieghu meta hu ma kienx lest ghal impenn daqshekk serju. Jghid li l-attivita' sesswali bejnithom kienet biss b'intenzjoni ta' godiment fiziku u b'hekk kienu eskludew li jkollhom it-tfal flimkien, kemm qabel kif ukoll wara t-tieg taghhom. Kienu ftehmu wkoll li r-relazzjoni taghhom kienet tkun wahda miftuha ghal terzi u ghalhekk mhux esklussiva ghal xulxin. Kienu jesperjenzaw sustanzi illeciti flimkien u biex jottjenu dawn is-sustanzi thaltu ma' nies li ntroducewhom ghal *swinging parties*  u cjoe attivitajiet li fihom huma kienu jbiddlu s-sieheb jew siehba taghhom u jkollhom attivitajiet sesswali ma' terzi. Bdew jattendu l-*iswinging parties* qisu wara l-ewwel sena t'gherusija u bdew jattendu ghalihom kemm Malta kif ukoll siefru barra minn Malta bl-ghan specifiku li jattendu attivitajiet ta' din in-natura.

Il-partijiet ma kienux ibatu minn gelozija ghal xulxin izda kienu jaqblu illi sabiex jibqghu f'relazzjoni flimkien kellhom jeskludu l-element ta' fedelta'. Anke l-genituri rispettivi taghhom, kif ukoll in-nanniet tal-attur, kienu jafu li l-partijiet kienu eskludew li jkollhom tfal flimkien. Anzi l-attur jghid li kienu huma stess li kienu jghidulhom biex ma jgibux tfal fid-dinja ghaliex ma kienux ser joffrulhom stabbilta'.

L-attur jghid illi l-partijiet kienet toghgobhom ferm l-iskop tal-attivitajiet tal-*iswinging parties* tant li wara li zzewgu, bdew jorganizzaw attivtaijiet simili imma fuq skala zghira gewwa d-dar taghhom stess.

Kien f'dan il-perjodu li l-partijiet kienu jaghmlu uzu mis-sustanzi lleciti u jattendu l-*iswinging parties* illi kienu ddecidew li jizzewgu. Jghid li missieru kellu xi argumenti mal-konvenuta u minhabba f'hekk kien talab lill-attur sabiex imorru jirrisjedu flimkien gewwa appartament li kellu gewwa H'Attard. Il-partijiet ghogbithom l-idea ghaliex hekk kellhom aktar liberta' ghal istil ta' hajja li kienu ghazlu. It-tlett snin gherusija li kellhom il-partijiet kienu kkaratterizzati minn xorb, sustanzi illeciti u *swinging parties.* L-attur kien ippropona lill-konvenuta li jizzewgu go bar wara lejl jixorbu. Il-konvenuta ma kienetx oggezzjonat izda kienet ghamlitha cara mieghu illi la riedet tfal u lanqas riedet twaqqaf l-attivita' tal-*swinging parties*. Ladarba l-attur ried l-istess haga, huma mexxew bil-pjan taghhom u zzewgu tlett (3) xhur wara gewwa r-registru tal-Belt.

Wara ftit gimghat miz-zwieg taghhom, huma bdew jattendu mill-gdid l-attivitajiet tal-*iswinging parties* anzi issa bdew isiefru ghalihom. Kienu jattendu ghal dawn l-attivitajiet madwar kull hmistax ghajr ghal perjodu tal-pandemija. Madanakollu huma xorta kienu jkunu intimi bejniethom.

L-attur jghid illi kollox inbidel meta l-partijiet individwalment bdew jinteressaw ruhhom f'terzi individwi li kienu iltaqghu maghhom fl-*iswinging parties.* Il-partijiet bdew jiffrekwentaw terzi individwi minn wara dahar xulxin u dan wassal ghal hafna glied bejniethom. Dan il-glied, kif ukoll il-vizzji ssoktaw u ghalhekk l-attur iddecieda li jmexxi bil-proceduri odjerni.

Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-attur xehed illi kellu jkun il-mard li ghadda minnu, li fetahlu ghajnejh li din ma kienetx hajja li kien qed jghix. Peress li l-partijiet kienu qablu li ma jkollhomx tfal illi l-konvenuta stess kienet bdiet metodu ta' kontracezzjoni ghan-nisa.

Sabiex jikkorroborra l-verzjoni tieghu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

Ix-xhieda ta' **MHG,** omm l-attur li xehdet quddiem din il-Qorti (fol. 27) u qalet illi l-partijiet kienu ghamlu xi sena qabel izzewgu jghixu fid-dar taghha. Imbaghad ix-xhud u zewgha kellhom appartament li tbattal, irrangahulhom u marru jirrisjedu fih. L-attur kien snin izghar mill-konvenuta izda kien jaf dan il-fatt mill-bidu tar-relazzjoni taghhom. Meta qalulhom li ser jizzewgu, ix-xhud staqsiethom ghalfejn kienu ser jaghmlu dan il-pass, peress li kienu diga' qieghdin jghixu flimkien u kienet taf li ma ridux tfal bejniethom. Ix-xhud tghid li f'okkazjoni minnhom, waqt li kienu Tas-Sliema, hi kienet iggustat tfal li rat u kienet ghaddiet kumment

lill-konvenuta. Il-konvenuta mill-ewwel wegbitha li huma ma ridux tfal ghaliex kienu tajjeb kif kienu. Ix-xhud taf li l-konvenuta kienet fuq il-kontrecezzjoni minhabba li gieli anke xtratilha hi, u dan anke waqt iz-zwieg. Tghid illi l-partijiet kienu jghixu fil-fantazija u kienet tarahom immaturi hafna minhabba li t-tnejn kienu jghixu hajja egoistika.

Il-konvenuta **EG,** xehdet in subizzjoni (fol. 32) u kkonfermat illi l-partijiet kienu qablu bejniethom illi ma jkollhomx tfal u dan il-hsieb kienu esprimewh kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, kemm bejniethom kif ukoll mal-genituri tal-attur. Il-konvenuta xehdet fuq il-qbil taghhom illi r-relazzjoni taghhom tkun wahda miftuha ghal relazzjonijiet ohra ma' terzi u kienu anke, bi qbil bejniethom, jattendu attivitajiet hawn Malta u jsiefru biex imorru postijiet specifici li jippermettulhom ikollhom relazzjonijiet ma' terzi. Kienu jifthemu ma' kopji ohra biex ibiddlu s-sieheb jew siehba taghhom u jkollhom relazzjoni intimi. Ghalkemm kien ikun hemm dawn r-relazzjonijiet intimi, huma kienu kuntenti fir-relazzjoni ma' xulxin u kienu jhobbu lil xulxin – kien ghalhekk li kienu zzewgu. Huma kienu marru ghal *iswinging parties jew wife swapping* sabiex ma jiddejqux minn xulxin u filfatt din l-attivita tirrikjedi element kbir ta' fiducja bejn il-kopja.

L-intimata sostniet li z-zwieg tkisser minhabba li nbidel l-karattru tal-attur. Il-konvenuta kienet indunat li l-attur kellu mara ohra minn wara daharha u din ma kienetx accettabbli ghaliha. Kienu ghamlu xi xahrejn mhux flimkien izda wara regghu irrangaw. L-*iswinging parties* u l-istil ta' hajja li ghazlu l-partijiet kienu jitolbu li ma jgiebux tfal fid-dinja. Tghid li l-attur huwa disa' jew ghaxar snin izghar minnha. Waqt ir-relazzjoni taghhom, il-konvenuta kienet bdiet tahdem gewwa gelaterija tal-familja tal-attur.

Tghid li z-zwieg taghhom dam madwar disa' (9) snin imma wara r-raba' jew il-hames sena huma kienu nfirdu ghal xahrejn. Wara li regghu flimkien, il-konvenuta bdiet tara li r-relazzjoni ta' bejniethom xorta ma kienetx l-istess.

**JC**, oht il-konvenuta (fol. 41) xehdet illi fil-bidu r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda tajba hafna izda imbaghad kienet inqalghet kwistjoni qabel iz-zwieg taghhom u ma kienux baqghu jitkelmu. Ghamlu madwar tmien (8) snin ma jitkelmux. Anke wara li regghu bdew jitkelmu u organizzaw festin ghal ommhom flimkien, il-partijiet dehru kuntenti flimkien. Bejn il-konvenuta u ohtha qatt ma gie diskors fuq it-tfal u d-decizjoni tal-partijet f'dan l-aspett. Ir-

raguni li l-intimata tatha fuq is-separazzjoni tal-partijiet kienet li l-attur ma ridx ikompli biz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fit-23 ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fir-Registru Pubbliku ta' Malta liema zwieg gie registrat bin-numru tac-certifikat 1049/2015 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 5* tal-atti.

Il-Gurisprudenza nostrali tfisser:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett.***[1]

Fir-rigward taz-zwieg, tezisti prezunzjoni ta' validita' illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***

[1] Vide Rik.Gur.Nru.: 219/2016RGM fl-ismijiet: L-Avukat AB vs ED deciza nhar il-31 ta'Jannar 2018.

***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fit-12 ta' Lulju 1987:

***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikoli 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta minghjar ma jispecifika l-bazi legali specifika fis-subartikoli li fuqha qieghed jressaq it-talba tieghu.Il-Qorti taghraf pero illi fil-korp tar-rikors guramentat huma ndikati Artiklu 19 (1) (f) u Artiklu (1) (d) tal-Kap 255.  Din il-Qorti tqis illi s-subartikolu (f) huwa applikabbli ghal kaz odjern.

**L-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta** jistipula kif segwenti:

***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda)***

> ***minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti semghet lill-partijiet infushom, kif ukoll ix-xhieda mresqa minnhom. Iz-zewg partijiet b'mod konsistenti xehdu illi huma kienu tkelmu bejniethom qabel iz-zwieg u ddecidew illi la jridu tfal miz-zwieg taghhom u lanqas riedu jbiddlu l-istil ta' hajja li kienu qabdu flimkien. L-attur iddikjara fl-affidavit tieghu kif ukoll fix-xhieda viva voce quddiem il-Qorti illi dawn kienu zewg kundizzjonijiet li ghamlitlu l-intimata meta pproponilha z-zwieg go bar wara lejl jixorbu.

Din il-Qorti semghet kif il-partijiet kienu qabdu stil ta' hajja li kien jinkludi xorb, tehdid ta' sustanzi illeciti u sess ma' terzi persuni meta jattendu attivitajiet organizzati specifikament ghal dan il-ghan, maghrufa bhala *swinging parties*. Mhux talli l-partijiet kellhom l-intenzjoni li jkompli b'dawn l-attivitajiet wara z-zwieg, talli l-pjanijiet taghhom f'dan l-aspett saru aktar zviluppati billi bdew anke jsiefru appozitament ghal dawn l-attivitajiet. L-attur xehed kif meta il-kontendenti bdew jghixu ghal rashom anke bdew jorganizzawhom gor-residenza taghhom fuq skala zghira.

Din il-Qorti semghet lill-omm l-attur tixhed u tiddikjara illi l-partijiet, kemm flimkien kif ukoll individwalment, kienu nfurmawha bid-decizjoni taghhom li ma jkollhomx tfal. Xehdet kif staqsiethom ghalfejn kienu ser jizzewgu la diga kienu qieghdin jghixu flimkien u ma kellhomx l-intenzjoni li jkollhom tfal. Ghalhekk jidher car li ghalkemm omm l-attur fehmet li l-partijiet kienu qed jeskludu element fundamentali taz-zwieg taghhom, ma riditx tindahal fid-decizjoni taghhom. Meta l-konvenuta giet mistoqsija waqt it-testimonjanza taghha, il-ghaliex iddecidew li jizzewgu, l-istess konvenuta wiegbet li ghalkemm kellhom relazzjonijiet intimi ma' terzi, huma xorta kienu jhobbu lil xulxin u jafdaw lil xulxin.

Dawn l-elementi huma l-antetesis tal-kuncett taz-zwieg skont il-ligi Maltija. Kemm il-ligi nostrana kif ukoll il-gurisprudenza tirrikjedi illi z-zewg konjugi jkunu jhobbu u jirrispettaw lil xulxin tant li jassumu l-obbligu tal-fedelta' u cjoe li jkollhom relazzjonijiet intimi, u esklussivament ma xulxin u ma hadd aktar.

Ghalhekk huwa car kristal illi l-partijiet dahlu fi zwieg minghajr m' assumew l-obbligazzjonijiet impost mill-istitut taz-zwieg fosthom l-obbligu tal-fedelta' u li ż-zwieg ikun miftuh ghall-hajja u cjoe li l-partijiet ikunu miftuhin biex fil-futur ikollhom it-tfal flimkien. Din il-Qorti semghet kif il-partijiet it-tnejn eskludew kompletament  il-possibilita' li jkollhom it-tfal flimkien. L-attur kien dirett u xehed illi huma riedu li jkollhom hajja ta' godiment filwaqt li l-konvenuta ttentat tesprimi l-istess decizjoni b'mod aktar sottili billi qalet li kienet mhasba kif setghu jkomplu b'hajjithom stante li ma kienx ser ikollhom ghajnuna fit-trobbija tal-ulied u ghalhekk iddecidew illi jekk ikomplu igawdu flimkien.

In vista ta dana kollu, din il-Qorti tqis li l-partijiet ma kellhomx l-intenzjoni li jghixu hajja mizzewga b'dawk l-obbligi li huma inerenti u essenzjali fi zwieg taht il-Ligi Maltija.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat ta' MG datat 25 t'Ottubru 2023 billi tilqa' t-talba u tiddikjara z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-23 ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fir-Registru taz-Zwieg gewwa l-Belt Valletta bhala null *ab initio* u bla effett *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Spejjez a karigu taz-zewg partijiet b'mod ugwali.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**